# K U N S I L L   L O K A L I   Ħ A L   K I R K O P

Minuti tal-laqgħa 7 tas-seba' Kunsill Lokali Ħal-Kirkop (laqgħa b'urġenza) li nżammet illum it-Tlieta 11 ta' Settembru 2012 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal-Kirkop. Il-laqgħa bdiet fis-18:30.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Carmel Calleja |
| Viċi Sindku: | Is-Sra A. Cefai |
| Kunsillieri: | Is-Sur S. Mizzi<br>Is-Sur J. Schembri |
| A/Segretarju: | Is-Sur C. Cutajar |

Is-Sur J Carbone ma kienx preżenti għal din il-laqgħa.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

1. **<u>Proġett 2.138 - Piroteknika</u>**

1.01 Il-Viċi Sindku qalet li din il-leġiżlatura tal-Kunsill wirtet dan il-proġett mill-aħħar leġiżlatura. Semmiet li ma kienet ingħatat l-ebda *handover* b'mod uffiċjali u li provat tagħmel minn kollox biex tagħti kontinwita' lil dan il-proġett.

1.01.1 Il-Viċi Sindku kompliet billi tgħid li l-Planning & Priorities Coordination Department (PPCD) staqsa għal kjarifiki, liema kjarifiki mogħtija mill-Kunsill ma setgħux ikunu sodisfaċenti. Il-PPCD sabu evidenza li wasslithom biex jagħmlu korrezzjoni finanzjarja fuq dan il-proġett. Il-PPCD saħqet mal-Kunsill li Eidema Academy ma għandux jibqa' jidher bħala wieħed mis-sħab f'dan il-proġett.

1.01.2 Il-Viċi Sindku qalet li l-pagamenti ma setgħux ikunu mgħoddija fil-perjodu li għadda peress li l-Kunsill ma kellux il-programm SFD installat. Sussegwentament dan il-programm ġie nstallat. Bħalissa l-pagamenti mhux qed jinħarġu sabiex tkun meħuda deċiżjoni ċara dwar l-andament ta' dan il-proġett kemm minn dawk li huma sħab fil-proġett u anke mill-PPCD, u mill-Kunsill innifsu.

1.01.3 Il-Viċi Sindku qalet li min-naħa tal-Kunsilli Lokali l-oħra sħab f'dan il-proġett hemm kunsens ġenerali li dan il-proġett għandu jitkompla.

1.02 Is-Sur S Mizzi staqsa jekk kienx hemm kuntratt mal-Eidema Academy.

1.02.1 Il-Viċi Sindku qalet li kien hemm kuntratt f'dan ir-rigward.

1.03 Is-Sur S Mizzi stqarr li jeħtieġ li l-Kunsill ikun jaf x'penalitajiet se jkunu mposti fuq Eidema Academy min-naħa tal-PPCD.

1.03.1 Il-Viċi Sindku qalet li l-PPCD verbalment infurmat lill-Kunsill li l-penalita' se tkun ekwivalenti għal korrezzjoni finanzjarja ta' 10%. Bħala somma globali din tammonta għal 15,000 ewro li huma ekwivalenti għal 2500 ewro għal kull Kunsill sħab f'dan il-proġett.

1.04 Is-Sur S Mizzi sostna li l-Kunsill m'għandux japprova li dan il-proġett jitkompla, għaliex il-proġett ma tmexxiex sew mill-bidu tiegħu, u din il-leġiżlatura m'għandhiex tkun kompliċi ma' dak li sar qabel, mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill innifsu.

1.05 Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tintbgħat korrispondenza lill-PPCD sabiex il-korrispondenza li jeħtieġ tintbgħat min-naħa ta' dan id-Dipartiment tasal għand il-Kunsill u b'hekk tkun tista' tiġi meħuda deċiżjoni mill-Kunsill dwar kif għandu jipproċedi b'dan il-proġett.

Il-laqgħa ntemmet fit-20:35.

____________________ __________________

Sindku Aġent Segretarju